MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 510/2006

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Christopher Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2006 fejn talbu illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' disgha mija u tlieta u tmenin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm983.67) rapprezentanti ammont li ghadu dovut minnu in kwantu ghal tlett mija u tmienja u sittin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm368.37) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99220926 in kwantu ghal mitejn tnejn u disghin lira u tlett centezmi (Lm229.03) in konnessjoni ma' mobile phonu bin-numru 99391559 u in kwantu rimanenti bilanc ta' mja u tnejn u ghoxrin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm122.86) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99906699.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Nadia Vella li bil-gurament taghha kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut Christopher Agius ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' disgha mija u tlieta u tmenin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm983.67) bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------